# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 19**

**Rikors Numru 312/2022 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ppreżentat fit-8 ta' April 2022 in segwitu tal-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 155/2022 fl-ismijiet:**

**Keith Davis Pace**

**vs.**

**Clyde Muscat u Salvatore Muscat**

Illum ħamsa (5) ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Clyde Muscat u Salvatore Muscat (*a fol.* 1 *et seq.*) ppreżentat fil-8 ta' April 2022 fejn talbu lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi għaldaqstant ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka għal kollox l-istess mandat stante illi huma kienu ressqu raġunijiet validi skont il-liġi, s'issa mhux opposti mis-sekwestrant Pace, a bażi ta' liema kienu talbu lil din l-istess Onorabbli Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala."*

Rat id-Digriet tagħha tat-18 ta' April 2022 (*a fol.* 10*)* fejn il-Qorti, filwaqt li appuntat ir-Rikors għas-smiegħ għas-seduta tat-28 ta' April 2022, ordnat notifika tar-Rikors lill-intimat Keith Davis Pace li ġie mogħti żmien għaxart (10) ijiem min-notifika sabiex jippreżenta Risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jista' jkun jixtieq jagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-Risposta.

Rat ir-Risposta tal-intimat Keith Davis Pace (*a fol.* 14 *et seq.*) ippreżentata fil-25 ta' April 2022 fejn ingħad, fost l-oħrajn, is-segwenti:

*"Illi bid-dovut rispett ma hemm l-ebda raġuni valida skont il-liġi biex il-mandat ta' sekwestru odjern jiġi imħassar kif mitlub mir-rikorrenti Muscat.*

*[...]*

*Illi r-rikorrenti Muscat qishom jikkontendu fir-rikors promotur li skont huma ġaladarba intavolaw il-proċeduri bin-numru 1174/2021 NC ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 dina l-Onorabbli Qorti għandha tgħaddi biex tirrevoka u tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Numru 155/2022;*

*Illi bid-dovut rispett dan huwa argument infondat !!*

*Illi dak li qed jippretendu r-rikorrenti Muscat huwa li qabel ma dina l-Onorabbli Qorti titratta u tiddeċiedi t-talbiet fil-proċeduri 1174/2021 NC għandha tesprimi ruħha dwar l-istess billi tgħaddi biex tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 155/2022.*

*[...]*

*Għaldaqstant l-esponent Keith Davis Pace, filwaqt li jirriserva li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba tar-rikorrenti Muscat imressqa minnhom fir-rikors numru 312/22 NC ippreżentat fit-8 ta' April 2022 bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti Muscat, u b'riserva li issir risposta appożita għar-Rikors numru 1174/2021 NC meta u jekk l-istess rikors jiġi notifikat lill-esponent Pace."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 155/2022 ippreżentat fl-4 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Keith Davis Pace vs. Clyde Muscat et**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fit-2 ta' Lulju 2019 ġie ffirmat ftehim[1] (Dok. "A" – *a fol.* 8 *et seq.* u *a fol.* 21 *et seq.*) dwar trasferiment ta' ishma bejn l-intimat Keith Davis Pace (bħala *"the transferor"*) u ż-żewġ rikorrenti Clyde Muscat u Salvatore Muscat (bħala *"the guarantor"* u *"the transferee"* rispettivament) fejn il-partijiet ftehmu li:

    - Salvatore Muscat kellu jħallas is-somma ta' mija u għoxrin Euro (€120) għat-trasferiment ta' sitt mitt ishma ordinarji fis-soċjeta' S&K Watersports Ltd.;

    - minbarra l-ammont ta' mija u għoxrin Euro (€120), ir-rikorrent Salvatore Muscat intrabat li jħallas lill-intimat Pace is-somma ta' ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u erbgħin Euro u dsatax il-ċenteżmu (€50,944.19) rappreżentanti *shareholders loans* mogħti mill-intimat Pace lis-soċjeta' S&K Watersports

[1] Il-Qorti tinnota li filwaqt li fil-verżjoni ppreżentata mir-rikorrenti (Dok. "A" – *a fol.* 8 *et seq.*) ma hemmx il-firma tal-intimat Pace, fil-verżjoni ppreżentata mill-intimat (Dok. "A" – *a fol.* 21 *et seq.*) hemm il-firem kollha.

Ltd., liema ammont kellu jitħallas fi żmien massimu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data tal-ftehim;

- ir-rikorrenti Salvatore Muscat u Clyde Muscat kellhom jagħmlu kostituzzjoni ta' debitu u ipoteka ġenerali quddiem in-Nutar Sam Abela jew kif indikat mill-intimat Pace, ma' liema kostituzzjoni ta' debitu kellha tinħareġ ukoll kambjala u dana kellu jsir sat-30 ta' Settembru 2019 jew minn dakinhar li jiġi ffirmat it-trasfermint tal-ishma, skont liema data tiġi l-ewwel;

- wara t-30 ta' Settembru 2019 fuq l-ammont dovut kellhom jiddekorru interessi kummerċjali;

- fit-2 ta' Lulju 2019 inħarġet kambjala (Dok. "KDP 1" – *a fol.* 4 u Dok. "B" – *a fol.* 24) mir-rikorrenti a favur tal-intimat bil-valur ta' ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u erbgħin Euro u dsatax il-ċenteżmu (€50,944.19), liema kambjala kellha tkun pagabbli fit-30 ta' Settembru 2019;

- *ai termini* ta' Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fit-2 ta' Awwissu 2021 l-intimat Pace ppreżenta Ittra Uffiċjali (Dok. "A" – *a fol.* 3) fejn interpella liż-żewġ rikorrenti sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra huma jħallsu s-somma ta' ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u erbgħin Euro u dsatax il-ċenteżmu (€50,944.19) rappreżentanti il-kambjala li skadiet fit-30 ta' Settembru 2019;

- *ai termini* ta' Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fit-30 ta' Novembru 2021 ir-rikorrenti Clyde Muscat u Salvatore Muscat ippreżentaw Rikors bin-Numru 1174/2021 (Dok. "B" – *a fol.* 5 *et seq.*) fejn ikkontestaw l-eżekuzzjoni tal-kambjala minħabba raġunijiet hemm imsemmija u, skont ir-rikorrenti, dan ir-Rikors għadu jrid jiġi notifikat lill-intimat;

- fl-4 ta' Frar 2022, l-intimat Pace ppreżenta Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fl-ismijiet **Keith Davis Pace vs. Clyde**

**Muscat et**, liema Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv iġib in-Numru 155/2022.

Illi, da parte tiegħu, l-intimat Pace jilmenta, fost l-oħrajn, li:

- ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda raġunijiet validi sabiex iwaqqfu l-Mandat ta' Sekwestru *de quo* u li r-Rikors ġie ippreżentat ferm wara t-terminu minimu preskritt f'Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

- dak li qed jitolbu r-rikorrenti huwa li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq il-mertu tar-Rikors bin-Numru 1174/2021 qabel ma titratta u tiddeċiedi l-istess Rikors;

- l-eżekuzzjoni ta' kambjala tiġi sospiża biss wara li Qorti tagħti digriet li ma jkunx appellabbli, fejn tissospendi tali eżekuzzjoni u f'dan il-każ tali deċiżjoni għadha ma ttieħditx;

- il-fatt li l-ftehim tat-trasferiment tal-ishma ma ġiex iffirmat fl-istess ħin bejn il-partijiet ma jneħħi xejn mill-validita' tiegħu *stante* li, peress li huwa mhux att pubbliku, ma hemmx tali obbligu;

- id-data tal-kambjala tirrispekkja dak li hemm fil-ftehim tat-trasferiment tal-ishma fir-rigward tal-maturazzjoni tad-dejn;

- l-ishma fis-soċjeta' S&K Watersports Ltd. ma ġewx trasferiti sal-ġurnata tal-illum minħabba raġunijiet imputabbli lir-rikorrent Salvatore Muscat ġialadarba huwa interpellah numru ta' drabi, saħansitra permezz ta' ittra legali datata 2 ta' Awwissu 2021 (Dok. "Ċ" – *a fol.* 25), biex jitwettaq it-trasferiment meħtieġ;

- mir-riżenja tal-intimat Pace minn direttur u segretarju tas-soċjeta' S&K Watersports Ltd. fis-7 ta' Settembru 2019 kull introjtu ġġenerat mis-soċjeta' imsemmija bbenefikaw minnu r-rikorrenti Muscat;

- fin-natura tagħha l-kambjala hija obbligazzjomi awtonoma u indipendenti mill-*causa obligationis* anke meta ma tkunx ġiet ġirata.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrenti jitolbu li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 155/2022 għandu jiġi revokat għal kollox minħabba li huwa ġie msejjes fuq kambjala, liema kambjala qiegħda tiġi kkontestata quddiem din il-Qorti permezz ta' Rikors bin-Numru 1174/2021 NC u li ġialadarba din il-kambjala qed tiġi kkontestata *ai termini* ta' Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Mandat ta' Sekwestru *de quo* huwa intempestiv u qiegħed jirreka danni finanzjarji u personali serji lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti jilmentaw li dawn il-flejjes huma meħtieġa sabiex huma jkunu jistgħu jkomplu jmexxu n-negozju tagħhom kif ukoll iħallsu self li rċevew minn għand bank lokali.

Illi qabel il-Qorti tipproċedi ulterjorment, il-Qorti tinnota li r-rikorrenti ma speċifikawx fuq liema artikolu qed isejsu t-talba tagħhom hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur. Minkejja dan, minn analiżi tar-Rikors jidher li t-talba tar-rikorrenti tinkwadra ruħha taħt Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk l-istħarriġ li ser tagħmel il-Qorti ser ikun ibbażat fuq dan l-artikolu.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li azzjoni taħt Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija azzjoni partikolari u l-istħarriġ li tista' tagħmel jista' jkun ibbażat biss fuq jekk hemmx xi difett fil-forma tal-mandat jew jekk il-mandat inħariġx minn Qorti ħażina.

Illi dan il-ħsieb huwa rifless f'numru ta' provvedimenti mogħtija mill-Qrati tagħna u f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal provvediment mogħti fit-30 ta' Novembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandati ta' Qbid Eżekuttivi bin-Numru 1817/2011 u bin-**

**Numru 1818/2011 fl-ismijiet Victor Fenech et vs. Anthony Fountain et** (Numru 398/2012), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) saħqet is-segwenti:

> "11. Il-proċedura taħt l-Art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq Rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-Qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-*quantum* tad-dejn kanonizzat, dwar l-identita' tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjeta' tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tal-lum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju. Huwa għalhekk illi l-liġi għal każijiet bħal dak tal-lum trid illi l-proċedura ssir b'dik normali ta' Rikors Maħluf."

Illi b'mod simili fi provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1195/16 fl-ismijiet Trends Limited vs. DJRL Dance Limited et** (Numru 820/2016), il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Digriet aktar riċenti li fil-fehma ta' din il-Qorti jaqa' perfettament taħt din il-kategorija huwa dak mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament **L-Avukat Dr. Robert Zammit vs. Pierre Falzon et** (Rik Nru. 386/18) deċiża mill-Prim'Awla fl-24 ta' Mejju 2018 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-13 ta' Lulju 2018 fejn is-sospensjoni ġiet ikkunsidrata wkoll taħt l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12:
>
> *"Din il-Qorti - fl-isfond tal-ġurisprudenza ċitata - <u>li hija tikkondividi</u> - tqis illi r-raġunijiet li tressqu mir-rikorrenti sabiex ikun hemm it-tħassir u/jew is-sospensjoni tal-Mandat ma*

> *jikkwalifikawx bħala raġuni valida għall-fini ta' l-Art. 281 tal-Kap. 12.*
>
> *Tgħid dan għaliex ir-rimedju li jagħti l-Art. 281 tal-Kap. 12 huwa speċjali.*
>
> *Il-preġudizzju li parti nteressata tallega li tkun ġarrbet għandu jirrizulta minn eżami formali tal-att li tiegħu jkun qiegħed jintalab it-tħassir.*
>
> *L-istħarriġ li l-qorti trid tagħmel mhuwiex fil-mertu.*
>
> *Li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rekwiżiti rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat kienux osservati jew jekk il-mandat kienx ħareġ abbużivament.*
>
> *Mandat eżekuttiv jista' jiġi attakkat biss kemm-il darba jkun inħareġ minn qorti żbaljata jew b'difett fil-forma.""*

Illi fi provvediment ieħor mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Frar 2015 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 23/2015 fl-ismijiet A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) vs. MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496)** (Numru 28/2015) ingħad is-segwenti:

> "Ir-rimedju li jagħti l-Art. 281 tal-Kap. 12 huwa speċjali. Il-preġudizzju li parti interessata tallega li ġġarrab jrid jirrizulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel mhuwiex fil-mertu, kif għamlet ir-rikorrenti fl-impostazzjoni tagħha mill-bidu sal-aħħar. Li trid tara l-Qorti huwa jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux ġew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. [...] Jekk ir-rikorrenti taħseb li għandha raġunijiet biżżejjed sabiex tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju tagħha mhuwiex il-

> proċedimenti <u>speċjali</u> skond l-Art. 281 tal-Kap. 12 iżda l-proċedura <u>ordinarja</u> bil-preżentata ta' rikors ġuramentat fejn tagħmel il-każ tagħha u ġġib ir-raġunijiet kollha li għamlet fil-proċedimenti tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu tagħhom mill-intimata. Din il-Qorti ssegwi dik il-ġurisprudenza li tindirizza lanjanza kontra l-esekuzzjoni ta' Mandat mhux fil-kuntest ta' l-Art. 281 tal-Kap. 12, iżda fl-ambitu ta' l-presentata ta' rikors ġuramentat fi proċediment ordinarju."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad hawn fuq, il-Qorti tikkunsidra li dak li qed jitolbu r-rikorrenti ma jinkwadrax ruħu ma' waħda miċ-ċirkostanzi li jippermettu r-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv. Iċ-ċirkostanzi kollha msemmija mir-rikorrenti huma ċirkostanzi li jidħlu fil-mertu tal-każ b'dan illi l-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha fuq il-mertu tal-kontestazzjoni.

Illi dak li l-Qorti qed tiġi rinfaċċjata bih u li dwaru hija mitluba li tagħti deċiżjoni hija ċirkostanza fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv jiġi revokat minħabba li hemm kawża fejn it-titolu eżekuttiv qed jiġi kkontestat. Fi kliem ieħor, ir-rikorrenti qed jikkontestaw il-kambjala li ġiet iffirmata a favur tal-intimat u li saret riferenza għaliha aktar 'il fuq.

Illi f'każ li l-Qorti tistħarreġ l-ilment imressaq quddiemha mir-rikorrenti bil-proċeduri in eżami hija bilfors ikollha tippronunzja ruħha dwar il-validita' *o meno* tal-kambjala b'mod allura li tispiċċa tidħol fil-mertu. Fuq punt simili, fi provvediment mogħti fil-25 ta' Novembru 2016 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv bin-Numru 510/2016 fl-ismijiet Dr. Georg Sapiano vs. Jette Scott** (Numru 308/16), il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "Minn dawn is-sentenzi joħroġ ċar li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet għall-konklużjoni ġusta li l-mandat in kwistjoni la għandu difetti fil-forma tiegħu u li l-ħruġ tiegħu sar

> korrettament. <u>Anke l-fatt li l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tiġi attakkata separatament bi proċeduri oħra ma jfissirx li t-talba magħmula taħt l-Artikolu 281 għandha tiġi milqugħa għax dan ma jaffettwa xejn il-ħruġ 'per se' tal-mandat</u>. Il-kwistjoni tal-proprjeta' tal-vettura wkoll ġiet trattata korrettement mill-ewwel Qorti u din il-Qorti taqbel perfettament mal-analiżi u l-konklużjoni tagħha. Dawn is-sentenzi huma tant ċari fir-rigward, li jitkellmu waħedhom u kwindi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tissofferma ulterjorment fuq it-talbiet tal-appellanti.
>
> <u>Din il-Qorti taqbel li t-talbiet tal-appellanti ibbażati kif inhuma fuq il-fatt li l-vettura in kwistjoni mhijiex tar-rikorrenti Scott iżda tas-socjeta' appellanti u li l-kambjala għadha mhix titolu esekuttiv, ma humiex ta' natura proċedurali kif jissomettu l-appellanti, iżda jmissu s-sustanza tat-talba tagħhom</u>. Il-mandat ċertament inħareġ mill-Qorti kompetenti u ma hemm ebda żball fil-mod kif ġie ordnat – u dawn kienu l-kwistjonijiet proċedurali li kellhom jiġu ikkonsidrati. It-talba tal-istess appellanti allura ġiet ġustament miċħuda". [emfażi miżjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi t-talba tar-rikorrenti sabiex jiġi mħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv in kwistjoni bil-proċedura odjerna ma tistax tirnexxi fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq ċitata. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li abbażi tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, ir-raġunijiet miġjuba mir-rikorrenti sabiex jitħassar il-mandat *de quo* ma jikkwalifikawx bħala raġuni valida skont il-liġi għall-fini ta' proċediment taħt Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi lanqas huma ta' fejda l-argumenti mressqa mir-rikorrenti li l-flus maqbuda huma neċessarji sabiex jitħallas self mill-bank jew li huma neċessarji sabiex imexxu in-negozju għax dawn l-argumenti la jorbtu ma' difett fil-forma u lanqas mal-Qorti li ħarġet il-mandat *de quo*.

Illi r-rimedju mogħti mill-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa rimedju speċjali, b'dana li l-preġudizzju li tallega l-parti interessata jrid jirriżulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Kif diġa' intqal iktar 'il fuq, l-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel m'huwiex fil-mertu.

B'hekk isegwi li t-talba mressqa miż-żewġ rikorrenti permezz ta' Rikors in eżami ser tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti eżekutati Clyde Muscat u Salvatore Muscat sabiex jiġi revokat il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 155/2022 maħruġ kontriehom mill-intimat eżekutant Keith Davis Pace.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti eżekutati Clyde Muscat u Salvatore Muscat.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**